# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2020

**Rikors Konġunt Numru : 377/2019 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**MP**

**U**

**MC gia P**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt ta' MP u MC datat 9 ta' Awwissu 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet ingħaqdu fiż-żwieġ fid-29 ta' April 2011 u minn din l-għaqda twieldet tifla u ċioe MIP li twieldet f'X;*

2. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 26 ta' Ottubru 2015 fl-Atti tan-Nutar Dottor Matthew Nicholas Borg, kopja ta' liema qed jiġi hawn anness u immarkat bħala Dok B;*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre l-fatt li ilhom iktar minn erbgħa (4) snin jgħixu separatament huma għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;*

4. *Illi ma hemm ebda pendenza dwar ħlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-oħra u dan in kwantu l-manteniment li ġie likwidat permezz tal-imsemmi att ta' separazzjoni personali, u kif jirriżulta minn klawsola 12 (h) tal-istess att, dan jitħallas regolarment. Illi l-partijiet*

*jiddikjaraw illi m'hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti minn parti lil oħra;*

5. *Illi dawn il-fatti jinkadraw ruħhom u jissodisfaw il-kondizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejniethom;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex isiru d-debita reġistrazzjoni u annotamenti fl-atti ċivili relattivi fir-Reġistru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 66 (a) (4) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MP** xehed a fol 16 illi huwa iżżewweġ lil MC fid-29 ta' April 2011 u li t-tifla taghhom MIP twieldet qabel iz-zwieg. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u il-partijiet isseparaw. Illi mid-data ta' separazzjoni sa' llum ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, u lanqas ma hemm tama li jkun hemm rikonċiljazzjoni. Il-manteniment dejjem tħallas u ma hemmx arretrati.

**MC** xehdet a fol 18 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' MP.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' April 2011 (Vide Dok NG 1 fol 14) u li mir-relazzjoni taghhom twieldet tifla qabel iz-zwieg;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Matthew Nicholas Borg datat 26 ta' Ottubru 2015 (vide Dok. B fol 3 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi ma hemmx arretrati tal-manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**